MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2009

Avviz Numru. 545/2000/1

**Anthony Miceli Farrugia u b'digriet ta' l-10 ta' Ottubru, 2002 stante l-mewt ta' Anthony Miceli Farrugia l-atti tal-kawza gew trasfuzi f'isem Dr Richard Manche' M.D.**
**u**
**Henry Micallef ghan-nom u in rappresentanza tal-Conservatorio Vincenzo Bugeja (awtorizzati b'rezoluzzjoni tal-15 t'Ottubru 1999 – kopja awtentikata esebita bhala Dok A)**

**Vs**

**Carmelo u Josephine konjugi Cachia**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi nomine talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kkundannati li, fi zmien qasir u perentorju, li jigi lill-konvenut prefiss mill-Qorti, jizgumbraw mill-fond 468A (gja 468) Triq San Guzepp, Santa Venera, li l-konvenuti qed

jokkupaw bla ebda titolu legali. Bl-ispejjes. Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ghall-finijiet ta’ kompetenza l-atturi nomine jiddikjaraw li l-valur lokatizzju tal-fond fuq riferit huwa ta’ anqas minn mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250).

Rat l-imsemmi Dok A a fol 2 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 12 ibid) u li biha eccepew bir-rispett:-

1. Fl-ewwel lok l-atturi jridu jipprovaw illi ghandhom ir-rapprezentanza tal-Conservatorio Vincenzo Bugeja;
2. Fit-tieni lok u fil-meritu t-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti ghandhom titolu ta’ kera;
3. Illi konsegwentement din il-Qorti hi inkompetenti ‘rationae materiae’ una volta tistabilixxi li l-eccipjenti ghandhom it-titolu minnhom vantat;
4. Illi f’kull kaz il-valur lokatizju hu seba u ghoxrin lira Maltija (Lm27) fis-sena u mhux mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250), kif arbitrarjament dikjarat mill-atturi nomine.

Konsegwentement u f’kull kaz l-eccipjenti ma ghandux ibati spejjez fuq l-eccess.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-attur nomine, Henry Micallef kien spjega, wara li, in rigward l-ewwel eccezzjoni, ghamel referenza ghall-imsemmi Dok A, illi l-post in kwistjoni kien intiz sabiex, go fih, jirrisjedi s-“supervisor’ tat-‘technical school’ sitwata fl-imsemmi “Conservatorio” u “dan (kien) jinfed mal-post fejn kien hemm l-iskola msemmija’. Presentement dan il-mezz ta’ access kien inghalaq minn xi hadd. Matul 1972, kienet inharget “ordni ta’ rekwizizzjoni” fuq il-post bin-numru

468A u bhala konsegwenza ta’ dan il-fatt, gol-post in kwistjoni, dahlu l-konvenuti u l-“conservatorio” beda jircievi kera ammontanti ghal Lm27 fis-sena’. Fl-1997, l-istess post kien gie derekwizizzjonat u hawnhekk kien gie deciz illi “… ma nircevix aktar kera minghand il-konvenuti”. Difatti l-istess kera kien qed jigi depositat fil-Qorti. Ix-xhud spjega illi, sakemm inharget id-derekwizizzjoni tal-post “… ma ttiehdu ebda proceduri mill-‘housing’ sabiex ahna nirrikonoxxu lill-konvenuti”. Dwar l-istess kera x-xhud, waqt li sostna illi ma kien hemm ebda ftehim ta’ kera bejn il-partijiet involuti, qal, ukoll, illi meta il-kera kien jithallas bil-quddiem mill-konvenuti kienet issir u tigi rilaxxata ircevuta ukoll favur dawn. Hu spjega illi il-“Conservatorio” kien kostrett li jaccetta l-kera, wara l-hrug tal-ordni ta’ rekwizizzjoni fl-1972 (sakemm gie derekwizizzjonat fl-1997) “minhabba problemi finanzjarji …” (ara ukoll ix-xhieda ta’ Francis Portelli a fol 18 sa fol 19 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, dan huma l-unici provi prodotti f’dan il-kaz u minnhom u a bazi taghhom jista’ jinghad li :-

a) L-ewwel (1) eccezzjoni ma hiex sostenibbli minhabba r-resoluzzjoni esebita in atti bhala “Dok A”.
b) Hu minnu illi f’dan il-kaz ma gietx segwita l-procedura kif specifikata fl-artikolu 8 tal-Kapitolu 125 tal-Ligijiet ta’ Malta f’dak li jirrigwarda r-rikonoxximent, bhala inkwilin da parti ta’ sid, tal-persuna li lilha jkun gie assenjat post residenzjali, in segwitu ta’ ordni ta’ rekwizizzjoni.
c) Pero jidher car ukoll illi “ex admisses’, ir-rappresentanti tal-“Conservatorio “kienu accettaw volontarjament u minn jeddhom, il-hlas ta’ kera, hawn fuq imsemmi, ghal perjodu konsiderevoli ta’ snin. Dan il-fatt “per se’ hu sufficjenti sabiex bejn il-partjiet involuti kien gie kkreat, ftehim tacitu, izda car, ta’ lokazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, ix-xhieda ta’ Henry Micallef (ara ‘supra’) issemma illi l-‘Conservatorio’ kien, wiehed jista’ jghid, kostrett li jacceta l-hlas ta’ kera minhabba problemi finanzjarji. Pero’, dwar

dan il-punt, ma hux sufficjenti, fil-fehma tal-Qorti , illi b'xi mod, jista' jikkwalifika bhala vizzju fil-kunsens kif regolat bl-artikolu 974, et seq tal-Kodici Civili. Difatti, f'dan il-kaz, ma irrisulta l-ebda sball ta' ligi jew ta' fatt, l-ebda uzu ta' vjolenza kif definita fl-artikolu 978 ibid, l-ebda frodi jew qerq.

Ikkunsidrat

Illi, bhala konsegwenza ta' dan kollu li nghad hu sufficjenti sabiex jigi konkluz illi jissusisti tali titolu bejn il-partijiet regolat minn dak li jinghad fil-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, ghalhekk, ghandhom jigi akkolti it-tieni (2) w it-tielet (3) eccezzjonijiet kif proposti mill-konvenuti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tilqa t-tieni (2) u t-tielet (3) eccezzjonijiet kif proposti, tichad it-talbiet attrici. Fic-cirkostanzi tal-kaz kif risultanti mill-provi, l-Qorti tordna li l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------